# Santa Josephine Bakhita
# Minn ilsiera saret Qaddisa



# Twieldet fil-villaġġ ta` Olgossa f`Darfur fis-Sudan



# Bakhita trabbiet f`familja ferħana ta` tlett subien u tlett ibniet.



# Il-ħajja nbiddlet f`daqqa.



- Meta kellha bejn 7 u 9 snin Bakhita inħatfet u nsterqet minn nies Arab li kienu jittraffikaw f'persuni biex ibiegħuhom bħala lsiera.

# Nies bla qalb



- Bakhita ġiet mġegħla timxi ħafja għal mili twal sa kemm waslet El Obeid, is-Sudan.
- Kienet mibjugħa u nxtrat minn nies differenti għal ħames darbiet.

# Min hi Bakhita?



Din it-trawma ġegħlitha tinsa isimha.

Il-persuni li qabduha tawha l-isem ta` Bakhita li tfisser " fortunata".

# Sinjur Arbi



- F`El obeid Bakhita ġiet mibjugħa lil wieħed Arbi sinjur bħala seftura għaż-żewġ uliedu bniet.
- Kienu jħobbuha imma kisret važun tat-tifel tas-Sinjur li taha xebgħa kbira b’ daqqiet ta` sieq bla ħniena  li ma setgħetx tqum mis-sodda tat-tiben li kellha.

# Torturi kbar




- Bakhita ġiet mibjugħa lil Ġeneral Tork biex taqdi lil mara tiegħu u lil omm il-mara.
- Kienu  ħorox u bla qalb.
- Użaw il-frosta  u daqqiet kbar fuqha.
- Għaddiet minn  uġiegħ kbir meta għamlulha it-tattoos f`ġisimgħa

# Tattoos b`xafra u melħ

**L-akbar uġiegħ li għaddiet minnu Bakhita**




**In-nisa tat-Tork ġabu mara biex tagħmlilha t-tattoos.**



# Ħajja Aħjar



- Il-Ġeneral Tork kellu jaħrab u biegħ lil Bakhita lil Konslu Taljan Callisto Legnani.
- Kellu qalbu tajba u  lil Bakhita ttrattha b`ġentilezza.
- Meta kellu jirritorna lejn l-Italja Bakita talbitu biex  joħodha miegħu .

# Lejn l-Italja



- **Fis-sena 1884 Callisto Legnani flimkien mal- ħabib tiegħu Augusto Michieli , u ma' Bakhita, ħarbu mis-Sudan u ġew l-Italja.**

# Familja ġdida



- Callisto Legnani rregala l-iskjava Bakhita lil Maria Turina, il-mara tal-ħabib tiegħu, Augusto Michieli,  u lit-tifla tagħhom Mimmina.

- Bakhita ħadet ħsieb ta` Mimmina li saret tħobbha ħafna.

# Mal-familja Michieli



- Ġara li Augusto Michieli mar is-Sudan għax akkwista hotel kbira.
- Is-Sinjura Micheili marret miegħu u ħalliet lil Bakhita u t-tifla għand is-sorijiet Canossi f`Venezja

# Alla jidħol fil-ħajja ta'Bakhita



- Meta is-Sinjura Michieli ġiet lura biex tieħu lura lit-tifla u lil Bakhita, Bakhita rrifjutat.
- Riedet tibqa mas-sorijiet għax bdiet tħoss f`qalbha li Alla jħobbha ħafna.

# Bakhita titgħammed




- Bakhita kienet toqgħod taħseb fuq Ġesu` , kemm ħabbha li bata u miet għaliha, u rebaħ kull dnub u ħażen.
- Riedet titgħammed.
- Fil-9 ta`Jannar 1890 ħadet il-Magħmudija bl-isem ta` Josephine , Margaret, u Fortunata għax hekk tfisser l-isem ta` Bakhita

# Is-Sagramenti



- **Dak inhar stess li tgħammdet ħadet is-Sagramenti tal-Ewkaristija u tal-Konfermazzjoni  minn idejn il-Patrijarka ta` Venezja li wara sar il-Papa Piju X.**
- **Kellha ferħ kbir fil-qalb tagħha għax sabet dak li dejjem xtaqet... Lil  Alla**

# Soru għall-imħabba ta` Alla



- Fit-8 ta` Dicembru 1896 ħadet il-voti u saret soru tal-Kongregazzjoni tal-Kanossi .
- Għexet għal 42 –il sena fil-kunvent f`Schio , issajjar, sagristana, u mal-bieb fejn kienet f`kuntatt kontinwu man-nies .

# Tjubija kbira



- In-nies ta` madwarha kienu jaraw fiha l-preżenza ta` Alla għax kliemha , il-ġentilezza tagħha, id-dbissima tagħha kienu ta` konfort kbir.
- Kellha qalbha miftuħa beraħ għal kulħadd bħal ma kienet qalb Gesu`

# Il-Maħfra



- Fuq fommha kont tisma biss kliem ta` maħfra u ta` mħabba :
- " Il-Mulej tant ħabbni li hemm bżonn li nħobbu lil kulħadd… …

  għandu jkollna ħafna ħniena u kumpassjoni ma kulħadd…..anki ma' min kien kattiv miegħi ..bħal Ġesu`

# Tmut ta` qaddisa



- **Bakhita mietet fil 8.10 ta`fil-għaxija fit-8 ta` Frar 1947 . Kien is-Sibt.**
- **L-aħħar kelmiet tagħha kienu :**

**“ Iva kemm jien ferħana: Il-Madonna… il-Madonna”**

**Eluf ta`nies ġew jitolbu ħdejn il-ġisem mejjet tagħha**

# Qaddisa



- **Bakita ġiet bejatifikata fil -17 ta' Mejju 1992 u kanonizzata fil 1 ta` Ottubru 2000 f`Ruma,il-Vatikan, mill-Qaddis Papa Ġwanni Pawlu 11**

# Spe Salvi :Fit-Tama konna salvati



- Il-Papa Benedettu XV1 fl-Enċiklika  dwar it-Tama Nisranija  " Spe Salvi"  jsemmi  l-istorja tal-ħajja kollha ta` Santa Bakhita  bħala eżempju  qawwi tat-Tama Nisranija,  tama, li ebda ħażen tad-dinja ma tista`  titfi id-dawl tagħha .